MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 26/2012

Kawza fil-lista:  38

**A B**

**C D, E G, Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u H D li b' digriet tal-21 ta' Marzu 2012 giet nominta kuratrici *ad litem* sabiex tirraprezenta l-interess tal-minuri P D B**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-ikors ta' l-attrici A B ipprezentat fis-7 ta' Frar 2012 li permezz tieghu gie premess:

Illi fit-30 ta'Lulju 2011 l-attrici welldet il-minuri P D B minn relazzjoni extra matrimonjali li kellha mal-konvneut E G wara s-separazzjoni *de facto* minn mal-konvenut C D;

Illi l-attrici ilha *de facto* separata minn mal-konvenut C D minn Marzu 2010 filwaqt li isseparat minnu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech datat 31 ta' Mejju 2011;

Illi l-attrici ilha f'relazzjoni mal-konvneut E G sa minn Gunju 2010 liema relazzjoni ghadha sejra sallum u li minnha twieldet il-minuri sudetta;

Illi peress li l-istess minuri twieldet matul iz-zwieg tal-attrici mal-konvenut C D din giet registrata bhala l-wild naturali tal-istess konvenut C D minkejja li l-istess minuri m'hijiex il-wild naturali tieghu;

Illi ghalhekk hu mehtieg li jigi dikjarat li l-minuri imsemmija mhijiex il-wild naturali tal-konvenut C Curjar izda l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut l-iehor E G;

Illi jehtieg ghalhekk li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri P D B mhijiex it-tifla naturali tal-konvenut C D izda tal-konvenut l-iehor E G.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri P D B hija l-wild naturali tal-konvenut E G b'mod ghalhekk illi hemm lok ghall-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri ;

3. Tordna ghalhekk id-debita korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta' l-imsemmija minuri b'dak it-taghrif li jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti prezentati mill-attrici;

Rat id-digriet datat 21 ta’ Marzu 2012 li permezz tieghu laqghet it-talba ta' H D sabiex tigi nominata kuratrici tal-minuri f'din il-kawza ghall-finijiet tal-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi in vena preliminari jinghad li stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri P, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri P, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal-procediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri P, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatt li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponenet umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha propju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri P, kienet wettqet adulterju ma' l-intimat E G u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil E G bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri P, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri P ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha li jgib in-numru ta' skrizzjoni 2912 tas-sena 2011;

5. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess E G sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalja personali kollha tieghu senjament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita, (3) l-eta’ tieghu meta twieled l-minuri P, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twildet l-imsemmija P, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla P. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita P;

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghas-suriferit, l-esponent, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri P trid taghzel liema kunjom ha zzomm wara l-annotazzjoni rispettivi;

7. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponenet jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ultejuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici A B qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla P D B li twieldet fit-30 ta' Lulju 2011 li fl-att tat-twelid taghha numru 2912/2011 giet registrata bhala wild C D titnizzel bhala wild il-konvenut E G.

**Provi**

L-attrici fl-affidavit tiddikjara li fit-30 ta' Lulju 2011 kellha tifla bl-isem P D B minn relazzjoni extra matrimonjali li kienet bdiet mal-konvenut E G minn Gunju 2010 u li ghadha sejra sallum. Minn Marzu 2010 kienet isseparat *de facto* minn mal-konvenut C D u sussegwentement isseparat legalment fil-31 ta' Mejju 2011 u f'dan il-fratemp qatt ma kellha relazzjoni sesswali mal-konvenut C D u ghaldaqstant il-minuri P mhijiex il-wild ta' C D kif imnizzel fl-att tat-twelid izda il-wild tal-konvenut E G. Fil-fatt C D qatt ma ha xi interess jew ikkontribwixxa ghall-ghixin ta' P peress li mhiex tieghu.

Dan gie kollu kkonfermat mill-konvenut E G fl-affidavit tieghu[1] u li iddikjara wkoll fix-xhieda tieghu[2] li jaqbel mal-kontenut u mat-talbiet tar-rikors guramentat.

Il-konvenut E G u l-kuratrici H D iddikjaraw[3] li ma jopponux ghat-talba attrici.

Xehdet ukoll Dr Marisa Cassar[4] li kkonduciet it-testijiet tad-DNA. Hi hadet hsieb li tigbor il-kampjuni orali tal-attrici, tal-minuri u tal-konvenut E G. Minn dawn it-testijiet gie ppruvat xjentifikament illi l-minuri P hija l-wild tal-konvenut' E G.

**Konsiderazzjonijiet**

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

[1]folio 46
[1] folio 47
[2] folio 44
[3] folio 57
[4] folio 64

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attrici hija ntiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita twassal ghal kreazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku gustament eccepixxa in linea preliminari li l-attrici naqset milli tottjeni l-permess tal-Qorti qabel intavolat il-kawza u ghalhekk naqset milli tipprocedi konformement mal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta  Huwa minnu li l-attrici naqset milli taghmel dan izda b'rikors tal-25 ta' Settebru 2012 talbet din l-awtorizzazzjoni li eventwalment inghatat b'digriet moghti fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2013. Il-Qorti qed tikkonsidra ghalhekk illi l-posizzjoni procedurali tal-attrici giet sanata.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi huwa mehtieg li jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.

2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qed tiddisponi mit-talbiet attrici u mir-risposta guramentata tad-Direttur konvenut billi prevja li tichad l-eccezzjoni preliminari,

1. Tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-imsemmija minuri P mhiex it-tifla naturali tal-konvenut C D izda tal-konvenut l-iehor E G.

2. Tilqa it-tieni talba u tiddikjara illi l-imsemmija minuri P hija l-wild naturali tal-konvenut E G b'mod ghalhekk illi hemm lok ghall-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens;

3. Tilqa it-tielet talba u tordna id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, l-isem u l-konnotati ta’ C D jigu kancellati u sostitwiti bl-isem u l-konnotati tal-konvenut E G filwaqt li kunjom il-wild jigi emendat minn D B ghal G.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut E G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------